**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit); M.A. (Melit).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Jannar, 2021**

**Talba Nru: 79/2020PM1**

**Damien Cassar (ID 25280(M))**

**V.**

**Charles Mifsud u b'digriet datat 28 ta' Settembru, 2020 giet ordinata s-sejha fil-kawza ta' Sterling Car Rentals Limited (C9362)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Mejju, 2020 permezz ta' liema l-attur talab li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu is-somma ta' seba' mija u wiehed u sittin euro u hamsin centezmu (€761.50) rapprezentanti danni sofferti minnu fil-vettura tieghu allegatament bhala konsegwenza ta' diesel ikkontaminat supplit lilu mill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 17 ta' Gunju, 2020 permezz ta' liema l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament il-konvenut mhuwiex il-legittimu kuntradittur ghaliex huwa m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' Sterling Service Station.
2. Illi preliminarjament ukoll l-attur ghandu qabelxejn iressaq prova sufficjenti tal-interess guridiku tieghu sabiex iressaq din l-azzjoni.
3. Illi fil-mertu, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda fl-intier taghha.
4. Illi fil-mertu wkoll, l-attur ghandu jispjega d-diskrepanza bejn il-fatti elenkati fl-Avviz tat-Talba u l-ammont minnu rikjest fl-istess talba.
5. Illi fil-mertu ukoll, ma hemm ebda konnessjoni bejn l-allegat hsarat sofferti mill-attur u d-diesel illi huwa ha minghand Sterling Service Station.

Sema' x-xhieda tal-partijiet waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju, 2020 u ra d-dokumenti ezebiti minnhom waqt l-istess seduta.

Ra d-digriet datat 28 ta' Settembru, 2020 li permezz tieghu it-Tribunal, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, ordna s-sejha fil-kawza tas-socjeta` Sterling Car Rentals Limited (C9362).

Ra r-risposta tas-socjeta` kjamata fil-kawza li permezz taghha l-istess socjeta` eccepiet :

1. Illi preliminarjament ukoll l-attur ghandu qabelxejn iressaq prova sufficjenti tal-interess guridiku tieghu sabiex iressaq din l-azzjoni.
2. Illi fil-mertu, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda fl-intier taghha.
3. Illi fil-mertu wkoll, l-attur ghandu jispjega d-diskrepanza bejn il-fatti elenkati fl-Avviz tat-Talba u l-ammont minnu rikjest fl-istess talba.
4. Illi fil-mertu ukoll, ma hemm ebda konnessjoni bejn l-allegat hsarat sofferti mill-attur u d-diesel illi huwa ha minghand Sterling Service Station.
5. Illi fil-mertu, it-talba tal-attur hija ghal kollox infondata fil-fatt u dana peress illi t-tezi tal-attur ma tregi qatt wara li b'ammissjoni tieghu stess huwa saq il-vettura ghal distanza notevoli qabel ma allegatament sofra dannu fl-istess vettura.

6. Salv eccezzjonijiet ohra minn issa rizervati.

Ra l-affidavit ta' Robert Fenech u sema' x-xhieda tal-attur u ta' Nicholas Farrugia u ra d-dokumenti ezebiti minnhom waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru, 2020.

Sema' wkoll ix-xhieda ta' Adrian Pace in rapprezentanza tal-Enemed u wkoll tal-partijiet oltre li ra d-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta datata 11 ta' Dicembru, 2020.

Sema' x-xhieda tal-attur u ra d-dokumenti ezebiti waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2020.

Sema' wkoll it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-istess seduta tas-16 ta' Dicembru, 2020.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qieghed jitlob li il-kumpens ghal danni allegatament sofferti minnu fir-rigward tal-vettura tieghu wara li huwa gie supplit materjal ikkontaminat mill-konvenut. Da parti tieghu il-konvenut wiegeb billi eccepixxa illi, preliminarjament, huwa m'ghandux relazzjoni guridika mal-pompa tal-petrol mertu tal-azzjoni odjerna u li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hemmhekk elenkati. Sussegwentement permezz tad-digriet datat 28 ta' Settembru, 2020 dan it-Tribunal ordna, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, is-sejha fil-kawza tas-socjeta` Sterling Car Rentals Limited (C9362).

Illi fl-ewwel lok jehtieg li jigi determinat min huwa l-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri avut rigward ghal dak allegat mill-attur kif surreferit. Mill-provi prodotti fil-fatt irrizulta car li s-socjeta` kjamata fil-kawza tiggestixxi l-pompa tal-petrol li minnha l-attur mela l-vettura tieghu dakinhar tal-incident u kwindi huwa car li lilhinn mill-

persuni fizici li jirrapprezentaw l-istess socjeta` hija proprju is-socjeta kjamata fil-kawza li ghandha twiegeb ghall-dak li jista' talvolta jirrizulta mill-operat taghha tal-istess pompa tal-petrol. Skont l-istess konvenut Mifsud VAT u ricevuti ghal servizzi fir-rigward tal-istess pompa jinhargu lkoll fuq isem is-socjeta` kjamata fil-kawza. Madanakollu waqt ix-xhieda tieghu l-istess konvenut Mifsud ikkonferma wkoll li "(f)*uq mistqosija tat-Tribunal* (…) *l-licenzja tal-pompa mahruga mir-REWS bilfors trid tkun fuq individwu u fil-fatt hija fuq ismi*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju, 2020). Konsegwentement il-konvenut ma jistax validament jeccepixxi, kif huwa jaghmel permezz tal-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu, li huwa m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' Sterling Service Station. Bhala l-persuna li fuq isimha inharget il-licenzja tal-operat tal-istess pompa huwa car li relazzjoni guridika tezisti u hija naxxenti proprju mill-fatt li, almenu ai finijiet tal-licenzja li tippermetti l-operat tal-istess pompa huwa proprju l-konvenut li ghandu jwiegeb. It-Tribunal ghaldaqstant ihoss li jekk is-socjeta` konvenuta ghandha tinzamm responsabbli in kwantu s-socjeta` li *ex admissis* topera l-pompa tal-petrol, hekk ukoll il-konvenut ghandu wkoll jinzamm responsabbli ghall-operat li jsir fiha bhala l-persuna li lilha tghajjat il-licenzja tal-istess pompa. Bl-istess mod jinsab pruvat ukoll li l-hsara lamentata tirreferi ghall-vettura persunali tal-attur. Ghaldaqstant it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut u l-ewwel eccezzjoni preliminary tas-socjeta` kjamata in kawza.

Illi konsegwentement ghas-surreferit huwa car li, tenut kont it-talba attrici u l-kontestazzjoni mressqa mill-konvenut, dak li jrid jigi deciz huwa, qabelxejn, il-kawza li wasslet ghad-danni allegati mill-attur u wkoll in-ness kawzali bejn tali kawza u s-socjeta` kjamata in kawza u l-konvenut in kwantu operaturi tal-pompa tal-petrol.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun inkontestat li, in linea ma' dak li jinsab espressament pruvdut taht l-art. 562 tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili**, il-piz tal-prova jaqa' fuq min jallega:

> *Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*

Illi f'dan f'dan ir-rigward l-attur jikkontendi li l-incident mertu tal-kawza sehh fid-29 ta' Jannar, 2020 meta huwa kien qieghed xoghol bil-vettura tieghu :

> "*Nghid li dak li gara fid-29 ta' Jannar elfejn u 2 ghoxrin (2020) kien li jiena kelli xi xoghol Ghawdex, mort imlejt il-karozza mill-petrol station li semmejt li tinsab il-Gzira u nghid pero' li meta jiena wasalt Ghawdex il-karozza waqfitli. Jiena nghid li f'dik l-okkazzjoni kont kellimt mechanic Ghawdex, nghid li fil-fatt biex ghamilt hekk kelli ngib lil tat-towing sabiex igorr il-karozza u hadtha ghand dan ilmechanic Ghawdex. L-ewwel haga li staqsieni dan il-mechanic kien jekk jiena kontx tajt id-diesel dalghodu stess cioe' dakinhar stess filghodu lill-karozza, jiena wegibtu flaffermattiv u qalli dan id-diesel fih l-ilma. Nghid li fil-fatt il-mechanic f'Ghawdex infurmani li kien hemm hsarat fl-injectors u fil-fuel filters ukoll*". (ara f'dan is-sens xhieda moghtija minnu fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2020).

L-attur ikompli jfisser kif huwa awtorizza tiswijiet temporanji mill-mekkanik Ghawdxi u mbaghad kompla jsewwi Malta. A sostenn ta' dak minnu allegat huwa ressaq bhala xhud tieghu lil Nicholas Farrugia, il-persuna li dakinhar tal-incident kienet prezenti mal-mekkanik Ghawdxi meta dan tal-ahhar ittestja l-vettura u ta l-parir li l-hsara kienet derivanti minn diesel kontaminat u lil Robert Fenech li permezz tal-affidavit tieghu stqarr li "*il-mekkanik ta' Ghawdex kien qalli li huwa kien sab hafna ilma fid-diesel tal-karozza, l-istess diesel li kien ghadu kemm jitfa' l-attur minn Sterling Service Station. Qalli wkoll li huwa kien qala' l-injectors tal-vettura li ma kienux qeghdin jahdmu minhabba dan l-ilma u naddaf l-istess injectors.* (…) *Fil-mument li l-vettura kienet gol-garaxx tieghi jien kont ghamilt it-testing necessarju bl-iscan tool imsemmi aktar 'il fuq u irrizultali li kien hemm fault fl-injectors.* (…) *Fl-opinjoni tieghi, il-hsarat li garbet il-vettura tal-attur kienu ikkawzati mill-ilma li kien jinsab fid-diesel li giet mimlija bih il-vettura tal-attur u kien proprju ghalhekk li l-vettura waqfet u ma startjatx Ghawdex.*"

Da parti tieghu il-konvenut xehed permezz tal-affidavit tieghu li permezz tieghu huwa stqarr li l-ilment tal-attur huwa jikkunsidrah bhala wiehed serju ferm "*ghalkemm rajtha ftit stramba li persuna wahda biss kienet ghamlet ilment simili. Meta jkun hemm kazijiet ta' diesel jew unleaded fuel ikkontaminat, dan mhux se jkun kaz izolat izda bla ebda*

*dubju se jaffetwa mijiet ta' vetturi li jkunu hadu l-fuel minn dik il-pompa partikulari*". F'dan ir-rigward huwa ezebixxa wkoll tabella li turi l-uzu tal-pompa sahansitra minn kollegi tax-xoghol tal-istess attur sa anke erbgha u ghoxrin siegha qabel ma uzaha l-attur u fil-fatt ilmenti ohrajn ma kienx hemm (Dok. CM1). L-istess xhud qal ukoll li huwa stess wettaq, dakinahr stess li sar jaf bl-ilment tal-attur, testijiet fuq il-materjal mahzun fil-pompa tieghu (oltre dawk imwettqin fuq struzzjonijiet tal-Enemed) u f'dan ir-rigward ma rrizultat ebda kontaminazzjoni tal-materjal (f'dan is-sens xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2020).

Illi certament, ferm aktar importanti mill-verzjonijiet rispettivi taz-zewg partijiet, hemm il-verzjoni moghtija minn Adrian Pace in rapprezentanza tas-socjeta` Enemed li f'dan ir-rigward, filwaqt li kkonferma l-ilment li rcieva minghand l-attur li ghaddhielu wkoll kampjuni tal-materjal li suppost kien gie mehud mill-vettura tieghu sabiex dan jigi ttestjat, ikkonferma wkoll li, in segwitu ghall-istess, huwa investiga tali ilment billi wettaq it-testijiet fuq il-kampjuni prodotti u wkoll fuq il-materjal mahzun fil-pompa li dwarha sar l-ilment. Minn dan irrizulta, li l-kampjuni mghoddija mill-attur kienu karatterizzati minn diskrepanza pjuttost kbira fil-*water content* taghhom, oltre l-presenza ta' *free water* tant illi l-istess xhud jistqarr li:

> "*Qed nigi mistoqsi fir-rigward tal-water contents tal-kampjuni li ahna rcevejna nghid li* ***ghalija ma kienx jaghmel sens li mill-istess provenjenza jkun hemm sitwazzjoni fejn il-water content ivarja b'tali mod fir-rigward tal-kampjuni li ahna rcevejna.*** *Nghid li fir-rigward tal-kampjun ta' fifty eight (58) PPM dan huwa wiehed mhux baxx accettabli ghalina. Qed nigi mistoqsi mit-Tribunal allura r-raguni ta' din id-diskrepanza fil-kampjun mill-esperjenza tieghi bejn kampjun li jikkontjeni fifty eight (58) PPM u kampjun iehor li jikkontjeni two three two (232) PPM nghid li mill-esperjenza tieghi dan jirrizulta meta l-kampjun ma jittiehidx b'mod tajjeb. (...)* ***Nghid li f'terminu tekniku l-kampjun ma huwiex reproduced mhix xi haga normali li jkun hemm dak il-livell kollu t'ilma f'kampjun u f'iehor ma jkunx hemm ammont simili t'ilma. Lanqas ma hi komuni l-prezenza ta' free water fil-materjal.***" (enfazi mizjuda)

Huwa jikkonferma wkoll li, fir-rigward tal-pompa mertu ta' din l-azzjoni, ilmenti ohrajn ma dahlux apparti dak maghmul mill-istess attur:

> "*Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li fir-rigward ta' lmenti li jkun hemm u b'mod partikolari jekk kienx hemm aktar ilmenti fir-rigward tal-petrol station appartenenti lil Charles Mifsud nghid li le ma kienx hemm ilmenti ohrajn. Nghid ukoll li f'hafna drabi bhal kazijiet ohrajn fejn ikun hemm problema li tkun ta' natura serja l-kas ma jkunx bhal dan il-kas wiehed izolat imma jkun hemm sitwazzjoni fejn ikun hemm diversi lmenti. Niftakar b'mod partikolari sitwazzjoni fejn kien hemm petrol li gie mqieghed f'tank tad-diesel fejn hemmhekk kien hemm serje shiha ta' lmenti. Fuq mistoqsija tat-Tribunal u bil-gurament tieghi jiena nista nikkonferma li fir-rigward ta' xi lment fuq il-petrol station tal-konvenut jiena kont ircevejt ilment wiehed biss, kieku kien hemm ilmenti ohrajn dawn ukoll kienu jghaddu minghandi.*"

L-istess xhud prova jiggustifika l-fatt li t-testijiet fil-pompa gew imwettqin diversi jiem wara li sehh l-incident billi stqarr li "*s-soltu l-azzjoni tittiehed f'waqtha u minnufih* (…) *Dan il-kas ahna kkunsidrajnih bhala wiehed izolat u fil-fatt sakemm qabbadna lit-third party contractor li kienu l-SGS u dawn marru fuq il-post iva damu xi fti granet.*" Irrizulta, fil-fatt, li sakemm saru tali testijiet - li rrizultaw fin-negattiv - il-pompa kienet regghet giet mimlija.

Illi madanakollu mistoqsi dwar il-materjal li gie misjub fil-pompa tas-socjeta` konvenuta huwa xehed ukoll li:

> "*Nikkonferma allura li sa dak iz-zmien il-prodott x'aktarx li lahaq inbidel minhabba l-konsum pero' nghid ukoll li* ***jekk ikun hemm water content dak il-water content jibqa hemmhekk u ma jinbidilx. Dan qed nghidu peress li l-ilma jibqa fil-qiegh u allura jibqa prezenti u jkun jista jigi 'idditektjat' anke jekk jinbidel il-materjal li jkun hemm fit-tank. Dan qed nirreferi ghal free water u cioe' dak l-ilma li jkun hemm fil-qiegh li ma jithallatx mal-materjal mhux l-ilma li jkun fid-diesel. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li dan l-element ta' free water effettivament ma tkunx tista tehles minnu***

***jekk mhux billi jitbattal it-tank u jitbattal ukoll b'tali mod li jitnehha l-free water trid tbattal kollox.***" (enfazi mizjuda)

Illi dan kollu huwa indikattiv tal-fatt li, almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-materjal fil-pompa tas-socjeta` kjamata fil-kawza ma kellux dawk il-karatteristici mehtiega sabiex ikun jista' jigi ritenut konformi mas-*samples* mehudin mill-attur. In partikulari mhux biss giet eskluza il-presenza tal-*free water* imma wkoll giet eskluza wkoll il-possibilita` li kwalunkwe *free water* seta' gie rimoss mill-pompa qabel sehhew it-testijiet ghaliex, skont kif xehed Pace, tali *free water* jibqa' prezenti fil-qiegh tat-tank. Ma rrizultax matul dawn il-proceduri li s-socjeta` kjamata fil-kawza jew il-konvenut wettqu xi haga li setghet b'xi mod taffetwa r-rizultat oggettiv tat-testijiet maghmulin mis-socjeta` inkarigata mill-Enemed jew li battlu t-tankijiet kollha taghhom qabel setghu isiru tali testijiet. Aktar minn hekk, tali possibilita` tinsab eskluza almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet mill-fatt li kemm fil-granet qabel u kif ukoll fil-granet wara l-incident mertu ta' din il-kawza mill-pompa baqa' jigi distribwit materjal (sahansitra lil kollegi tax-xoghol tal-istess attur – f'dan is-sens Dok CM1 a fol. 17 et. seq tal-process u u Dok. CM1 ezebiti waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2020) u ma kienx hemm ilmenti ohrajn simili ghal dak imressaq mill-attur permezz tal-kawza odjerna u dana mhux biss mal-istess socjeta` kjamata fil-kawza jew mal-konvenut imma wkoll mas-socjeta` Enemed.

Illi ghandu jigi precizat li mhuwiex il-kompitu ta' dan it-Tribunal li, f'assenza ta' provi moralment konvincenti, jipprova jazzarda jigbed xi konkluzjoni dwar x'gara jew seta' gara sabiex giet ikkawzata l-hsara lamentata mill-attur fil-vettura tieghu. Madanakollu b'referenza ghall-provi migbura f'dawn il-proceduri, it-Tribunal ma jistax ma jinnutax is-segwenti fatturi:

1. L-attur baqa' qatt ma ressaq bhala xhud tieghu lill-persuna li l-ewwel avzatu li l-hsara riskontrata minnha kienet gejja minn materjal imhallat bl-ilma u cioe` lill-mekkanik Ghawdxi (maghruf bhala Pikolin skont Dok. DC2 a fol. 57 tal-process).

2. L-attur stess jghid li huwa ma jiftakarx lill-mekkanik jigbor is-*samples* tal-materjal mill-vettura tieghu filwaqt li x-xhud Pace jinnota avarija serja f'tali samples, inkluza wkoll il-presenza ta' *free water*. L-attur baqa' qatt ma offra xi spjegazzjoni ghal tali avarija li certament ma setghetx tigi semplicement ikkawzata bit-tahlit tal-materjal. Pjuttost jidher li s-*samples* huma daqstant differenti minn xulxin li, skont kif fehem it-Tribunal, x'aktarx li ma ttiehdux mill-istess sors jew almenu, skont kif xehed Pace, ma ttiehdix b'mod tajjeb u kwindi ma jistghux iservu bhala prova sufficjenti u konklussiva f'dan il-kaz.

3. In kontro-ezami l-attur stess xehed ukoll li l-vettura tieghu waqfet biss meta wasal Ghawdex u bdew jixghelu diversi bozoz. Huwa jikkonferma li anke wara li gabar il-vettura minghand il-mekkanik Ghawdxi "*baqghet wahda mill-bozoz tixghel din il-bozza jiena nghid li kienet dik tal-water in diesel.*" (xhieda tal-attur moghtija fil-11 ta' Dicembru, 2020). Hawn ukoll l-attur baqa' ma offriex spjegazzjoni cara u teknika la dwar il-fatt li, kif ammess minnu stess, mhux biss lahaq saq mill-Gzira fejn tinsab il-pompa sal-vapur t'Ghawdex, rikeb il-vapur u beda sahansitra jsuq lejn ir-Rabat qabel ma tfaccat il-hsara fil-vettura tieghu imma wkoll, kif ammess minnu, l-bozza li skont il-mekkanik Ghawdxi kienet tindika l-presenza tal-ilma fid-diesel bdiet tixghel biss meta giet biex tieqaf il-karozza u baqghet tixghel anke wara li kien tnehha l-materjal kollu mill-vettura u din ingibiet lura Malta. It-Tribunal jifhem li jekk tassew il-materjal suplit kien jikkontjeni l-ilma kollu, inkluz il-*free water*, riskontrat fis-samples li gew mghoddija mill-attur, il-vettura kellha tindika dan ferm qabel u l-hsara wkoll kellha tigi ferm qabel mal-attur saq it-triq kollha li wasslitu ghall-vapur t'Ghawdex (u anke iktar minn hekk f'Ghawdex stess). It-Tribunal jifhem ukoll li l-bozza li tindika materjal ikkontaminat ukoll kellha tieqaf hekk tixghel wara li suppost tnehha il-materjal kollu kontaminat mill-vettura tieghu. Ma tressqet ebda prova li tista' tindika xi ness bejn il-bozza li baqghet hekk mixghulha u li suppost tindika materjal kontaminat mal-fatt, mistqarr ukoll mill-attur, li kienu twahhlu parts mhux originali bhala parti mit-tiswija temporanja imwettqa mill-mekkanik f'Ghawdex.

4. Illi huwa minnu li l-mekkanik li eventwalment wettaq ix-xogholijiet riparatorji f'Malta jistqarr permezz tal-affidavit tieghu li fil-fehma tieghu il-hsara hija derivanti mill-presenza tal-ilma. Madanakollu jidher li, sabiex jasal ghal tali konkluzjoni, huwa kienet qieghed jistrieh ghal kollox fuq tali informazzjoni li giet mghoddija lilu mill-istes mekkanik f'Ghawdex li, kif inghad, f'dawn il-proceduri baqa' ma xehedx. Huwa minnu wkoll li skont l-art. 9(2)(b) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar**, it-Tribunal m'huwiex marbut bir-regola tal-ahjar prova imma dan it-Tribunal ihoss li f'dan il-kaz, tenut kont tal-posizzjoni mehuda mill-konvenut u mis-socjeta` kjamata fil-kawza fejn dawn cahdu mal-ewwel ir-responsabilita` taghhom ghall-hsara lamenata mill-attur, kien jinkombi fuq l-istess attur l-obbligu li jressaq provi sufficjentement univoci ghall-konvinciment morali ta' dan it-Tribunal li l-hsara sofferta minnu kienet giet ikkawzata mill-materjal kontaminat supplit lilu. F'tali rigward huwa car li l-prova necessarja setghet tigi stabbilita biss mill-persuna li dakinhar rat il-vettura u li l-ewwel azzardat l-opinjoni li l-kawza ghal tali hsara kienet tinsab fil-materjal kontaminat. Jerga' jinghad li din il-persuna f'dawn il-proceduri baqghet qatt ma xehdet u lanqas ma sar tentattiv mill-attur sabiex jistabilixxi l-identita` proprja tal-istess mekkanik sabiex ikun jista' jharrku f'dawn il-proceduri jew b'xi mod iehor jipprova jharrek persuni li jahdmu fl-indirizz li rrizulta mir-ricevuta relattiva. B'hekk biss seta' tali mekkanik jiggustifika (jew anke jichad) il-konkluzjoni tieghu bil-gurament, avut rigward ukoll ghar-rizultanzi ghal kollox anomali li rrizultaw matul il-gbir tal-provi f'din il-kawza u li certament jitfghu f'dubbju car il-parir li jidher li gie azzardat minnu.

5. Illi finalment ikun opportun li jigi nutat kif, **permezz tan-nota tieghu prezentata waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2020, l-attur stess finalment prezenta ritratt tal-bozza li, skont hu, turi** ***water in diesel*** **(Dok. DC2). Jigi nutat, madanakollu, li tali bozza lanqas biss tidher mixghulha f'Dok. DC1 li, skont l-istess nota, turi l-bozoz kollha li xeghelu meta waqfet il-vettura f'Ghawdex. Lilhinn mid-divergenzi serji li hemm fil-provi prodotti f'dawn**

**il-proceduri kif hawn fuq riportat u li diga` minnhom infushom joperaw biex jeskludu n-ness kawzali bejn il-hsara u l-materjal supplit, il-konkluzjoni naturali u logika ghal dak li jinsab indikat fl-istess nota hija allura li, almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet, l-ilma seta' kien prezenti wara t-tiswijiet imma mhux ukoll dakinhar tal-incident meta l-vettura tal-attur sofriet il-hsara lamentata permezz ta' din il-kawza.**

Huwa konsegwentement car li, fin-nuqqas ta' provi konklussivi li jiggustifikaw l-allegazzjoni tal-attur fil-konfront tal-konvenut u tal-kjamata in kawza, it-Tribunal ihoss li l-attur ma rnexxielux jipprova imqar fuq bilanc ta' probabiltajiet il-htija tal-konvenut u tas-socjeta` konvenuta ghall-hsara sofferta minnu.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut, jichad ukoll l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` kjamata in kawza, jilqa' it-tielet u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenut u wkoll it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet tas-socjeta` kjamata fil-kawza u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet, konsegwentement jichad it-talba attrici bl-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal kwart mill-konvenut u mis-socjeta` kjamata in kawza u in kwantu ghar-rimanenti tlett kwarti mill-istess attur.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**